MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Rikors Numru. 118/2013

**Joseph Bugeja**

**Vs**

1. **Is-Sur Mario Bugeja fil-kapacita tieghu ta' Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport**
2. **Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali**

**It-Tribunal,**

Ra **r-rikors ta' Joseph Bugeja** ipprezentat fil-31 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent applika ghall-hrug ta' airport security pass ai termini tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 'Regolamenti tal-2011 dwar Sigurtà fl-Ajruport (Background Checks)' kif emendat permezz tal-Avviz Legali 454 tas-sena 2012 'Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sigurtà fl-Ajruport (Background Checks)';*

*Illi t-talba tal-esponent giet michuda ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 u dan abbazi ta' informazzjoni moghtija mill-Korp tal-Pulizija;*

*Illi l-Artikolu 8(1) tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 jsegwi hekk:*

*"**Jekk, mill-informazzjoni moghtija lill-Manager, jirrizulta li l-applikant gie misjub hati ta' reat elenkat fit-Tieni Skeda u li l-piena moghtija kienet perjodu ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u tletin xahar, sew jekk dak il-perjodu ta' prigunerija kienx sospiz jew le ghal perjodu, security pass jista' jinhareg wara li jghaddu ghaxar snin mid-data tas-sentenza li ghaddiet b'gudikat dwar dik is-sejba ta' htija**".*

*Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bugeja deciza nhar it-23 ta' April 2009 l-Onorabbli Qorti Tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali kkundannat lill-esponent ghal sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta' sentejn millum u multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) u dan in relazzjoni ma' incident li sehh nhar l-14 ta' Novembru, 2002 (kopja annessa dokument **JB 1**);*

*Illi ghalhekk jirrizulta li kemm l-incident in kwistjoni sehh ferm qabel il-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 kif ukoll is-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponent u li fuqha giet ibbazata d-decizjoni tal-intimat inghatat sentejn qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 'Regolamenti tal-2011 dwar Sigurtà fl-Ajruport (Background Checks)';*

*Illi sahansitra t-talba sabiex jinhareg dan il-permess in kwistjoni kienet giet sottomessa mal-intimat qabel il-promulgazzjoni tar-Regolament imsemmi;*

*Illi l-istess imsemmi Avviz Legali ma jaghmel ebda accenn ghal xi forma ta' applikazzjoni tal-istess b'mod retroattiv u konsegwentement ghandu japplika l-principju li sakemm ma jigix specifikat fil-ligi partikolari (f'dan il-kaz l-Avviz Legali 488 tas-sena 2011) li ghandu jkun hemm*

*applikazzjoni tal-istess b'mod retroattiv, l-applikazzjoni tal-istess Avviz ghandha ssehh biss mid-data li dahal fis-sehh 'il quddiem;*

*Illi tali principju huwa wiehed baziku u ilu jigi applikat mill-Qrati ta' Malta kif jirrizulta mis-segwenti:*

*1. Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Caruana Curran Ne. vs Anthony Camilleri Ne*** *deciza nhar id-29 ta' Ottubru 1959 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Buttigieg Dr John Vs Tabone Anthony*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (sede Civili) datata s-27 ta' Mejju 2005 fejn gie ritenut li:*

***"Meta f'ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Biex ligi jkollha effett retroattiv, jehtieg li dan l-effett jirrizulta b'mod l-aktar car u zgur, u ghaldaqstant, fid-dubbju ghandu jkun eskluz"****.*

*2. Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza* ***Fava Emanuel Vs Mamo John Prof Et Noe*** *deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie dikjarat li:*

***"Il-promulgazzjoni ta' kull ligi tohloq immedjatament problemi ta' dritt transitorju li diversi drabi l-istess ligi tipprova tirregola hija stess, imma, fi kwalunkwe kaz, iridu b' xi mod jigu konkordati mill-gudikant skond il-principji generali tad-Dritt. B'danakollu meta f' ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun materja ta' interess jew ordni pubbliku"****.*

*Illi jirrizulta ghalhekk (anke ai termini tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq), li l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Avviz Legali imsemmi ghal sentenza li tmur lura ghal zmien qabel ma dahal fis-sehh l-istess Avviz Legali tammonta ghal decizjoni li tmur kontra l-istess principju msemmi aktar 'il fuq u li wara kollox hu meqjus bhala principju legali baziku;*

*Illi stante li r-rikorrent ma seta' qatt jigi penalizzat fuq reat li sehh qabel il-promulgazzjoni tal-Avviz Legali, allura dan necessarjament ifisser li r-reat in kwistjoni la seta' jitqies u lanqas seta' jittiehed in konsiderazzjoni u wisq anqas ma seta' qatt jigi klassifikat bhala reat elenkat fit-tieni skeda;*

*Illi di piu' l-perjodu ta' riabilitazzjoni ghall-istess reat qatt ma seta' jibda jiddekorri stante li l-istess reat sehh qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 kif spjegat aktar 'il fuq;*

*Illi l-esponent ġie preġudikat bl-aġir tal-intimat kif fuq premess u permezz tal-preżenti rikors qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu li jressaq l-appell quddiem dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ai termini tal-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011;*

*Għaldaqstant, l-esponent filwaqt li jinterponi dan l-umli appell mid-deċiżjoni tal-appellat kif fuq premess, u filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi tiegħu in sostenn ta' dan l-appell, jitlob umilment li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-decizjoni ghar-rifjut tal-applikazzjoni ghall-hrug ta' airport security pass u minflok jilqa' t-talba tal-istess appellant u konsegwentement jilqa' l-istess applikazzjoni ghall-hrug ta' airport security pass bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Ra **r-risposta tas-Sur Mario Bugeja fil-kapacita` tieghu ta' Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport u tal-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali** ipprezentata fl-24 ta' Gunju 2013 fejn eccepew is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant qegħdin iressqu s-segwenti eċċezzjonijiet illi qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzu għal xulxin:*

1. *Illi fl-ewwel lok u* ***in linea preliminari*** *l-esponenti jeċepixxu illi l-appell kif redatt huwa fis-sens li qed jipprova jiġi nkwadrat taħt iż-żewġ raġunijiet elenkati fl-Artikolu 10 ta' l-Avviż Legali 488 ta' l-2011 "Regolamenti dwar is-Sigurta' fl-Ajruport (Background Checks)" kif emendat permezz ta' l-Avviż Legali 454 ta' l-2012 u 1 ta' l-2013 li taħthom huwa possibbli li jiġi ntavolat appell meta fis-sustanza jidher li dak li qed jiġi identifikat bħala aggravvju effettivament jeżorbita dak li li jipprovdi l-imsemmi Artikolu 10. Isegwi għalhekk li dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni sabiex jistħarreġ dak li qed jitlob ir-rikorrent;*

   *Illi ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Dahan Al Hamed vs Uffiċċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Spettur Edel Mary Camilleri)*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell*[1] *fis-*

[1] Appell Ċivili Numru 14/2009.

*26 ta' Ġunju 2009 li kienet tirrigwarda sitwazzjoni fejn kien jeżisti dritt t'appell limitat. F'dan ir-rigward il-Qorti kienet irriteniet illi:*

*"Ġjaladarba d-determinazzjoni tal-mezz ta' l-appell ammissibbli kontra d-deċiżjoni tiġi effetwata fuq il-bażi tal-kwalifika tar-rapport kontrovers kif deċiż mill-Bord, ex lege, din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni biex tokkupa ruħha mill-kontestazzjoni da parti ta' l-appellant tas-soluzzjoni formulata mill-Bord fuq il-kwestjoni. U dan, la mill-punto di vista ta' l-ilment tan-nuqqas t'osservanza tan-normi proċesswali u lanqas mid-doljanzi l-oħra tiegħu fil-mertu....Din il-Qorti trid b'dover tapplika l-liġi kif issibha statwita."*

2. *Illi fit-tieni lok u wkoll* ***in linea preliminari*** *l-esponenti jeċepixxu li l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u dan ai termini ta'l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost l-esponenti jirrelevaw illi l-applikazzjoni sabiex ir-rikorrent jingħata airport security pass hija datata 29 t'April 2013 u waslet l-uffiċċju tal-Manager tas-Sigurta' tal-Ajruport fit-3 ta' Mejju 2013 u dan kif jidher mill-annessa kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bħala* ***Dok MB1;***

4. *Illi l-esponenti jirrilevaw ukoll illi d-deċiżjoni tal-Manager tas-Sigurta' fl-Ajruport ttieħdet fl-20 ta' Mejju 2013 (kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok MB2****);*

5. *Illi dan juri b'mod ċar li kemm l-applikazzjoni għall-airport security pass kif ukoll id-deċiżjoni tal-Manager esponent saru wara l-promulgazzjoni ta' l-Avviż Legali 488 ta' l-2011 "Regolamenti dwar is-Sigurta' fl-Ajruport (Background Checks)" kif emendat permezz ta' l-Avviżi Legali 454 ta' l-2012 u 1 ta' l-2013 u għaldaqstant ma jistax jitqies li dan l-Avviż Legali hawn fuq imsemmi ġie applikat b'mod retroattiv;*

6. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Avviż Legali hawn fuq imsemmi ma jagħmilx distinzjoni bejn reati li seħħew qabel u reati li seħħew wara l-promulgazzjoni ta' l-istess Avviż Legali;*

7. *Illi effettivament jirriżulta illi r-reat illi tiegħu instab ħati r-rikorrent huwa wieħed li jaqa' taħt it-Tieni Skeda tal-Avviż Legali hawn fuq imsemmi, il-piena li ngħata r-rikorrent kienet ta' sena priġunerija sospiża għal perjodu ta' sentejn u multa, liema piena ngħatatlu fit-23 ta' April 2009. Għaldaqstant ai termini tal-Avviż Legali hawn fuq imsemmi, preżentement, ir-rikorrent ma jikkwalifikax sabiex jingħata l-airport security pass. Dan għaliex ai termini ta' l-Artikolu 8(1) tal-istess Avviż Legali, il-perjodu ta' rijabilitazzjoni fil-konfront tiegħu għadu m'għaddiex;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma jikkwalifikax għall-għoti tal-pass;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Sema' x-xhieda ta' Alphonse Cauchi,[2] Mario Bugeja,[3] Paul Spiteri,[4] Maggur Alfred Abela;[5] u tad-Deputat Kummissarju Andrea Seychell;[6]

Ra l-affidavit tar-rikorrentipprezentat fis-seduta tal-4 ta' Frar 2014 u d-dokumenti annessi mal-istess affidavit;[7]

Ra l-affidavit ta' Mario Bugeja ipprezentat fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 u d-dokumenti annessi mal-istess affidavit[8] u l-affidavit tad-Deputat Kummissarju Andrea Seychell ipprezentat fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014;[9]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2015;

Ra n-nota responsiva tal-intimati ipprezentata fil-25 ta' Marzu, 2015;

Ra li dan ir-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

---

[2] A fol. 56 sa 61
[3] A fol. 62 sa 71, 84 sa 93 u a fol. 191 sa 193
[4] A fol. 72 sa 82
[5] A fol. 173A sa 173C
[6] A fol. 195 sa 200
[7] A fol. 127 sa 131
[8] A fol. 138 sa 146
[9] A fol. 181 sa 182

Illi r-rikorrent ipproceda bir-rikors odjern stante li hassu aggravat b'decizjoni tal-intimat Manager Airport Security fejn irrifjuta li johroglu security *pass* ghal gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (iktar 'il quddiem imsejjah "*OMAS Pass"*) u dan skond kif jirrizulta minn Dokument MB 2 a fol. 31 tal-process li jghid is-segwenti:-

*"The Manager Airport Security has considered your application for the issuance of airport security pass under the provisions of L.N. 488 of 2011 – Aviation Security (Background Checks) Regulations, 2011, as amended by L.N. 454 of 2012.*

*It is regretful to inform you that on information received from the Malta Police the airport security pass cannot be issued as per Article 8 (1) of L.N. 488 of 2011 as amended by L.N. 454 of 2012.*

*An appeal from this decision may be made with the Administrative Review Tribunal, within twenty (20) days from date of notification of this letter according to article 10 of the mentioned Legal Notice."*

**Alfons Cauchi** xehed illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' Head of Security mal-Airmalta u kien membru tal-Kumitat li kien johrog l-*OMAS Pass*. Jispjega illi fil-15 ta' Novembru 2002 huwa gie infurmat li r-rikorrent, li kien impjegat tal-Airmalta bhala *driver/loader*, kien inqabad inehhi seba' bagalji mic-cinga fejn iduru l-bagalji u ghabbihom b'vann u kien sejjer bihom 'il barra. Dawn il-bagalji irrizulta li kien fihom ghasafar u annimali ezotici. Huwa spjega li kien hemm kaz ta' terza persuna li kienet marret il-habs u rega' inghatalu l-*OMAS Pass* pero` dan il-kaz l-individwu koncernat ma kienx impjegat tal-Airmalta meta wettaq ir-reat li ghalih mar il-habs. Jghid ukoll illi kellhom xi impjegati akkuzati fuq serq pero` xorta inhargilhom l-*OMAS Pass*. Ix-xhud jikkonferma li r-reati mwettqa mir-rikorrenti kienu sehhew qabel il-bdil fil-ligi. Jghid ukoll illi lir-rikorrent kienu applikawlu tlett darbiet ghall-*OMAS Pass* izda kull darba giet rifjutata, bl-ewwel decizjoni tkun fit-28 ta' Settembru 2010. Jistqarr ukoll illi qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 (Regolamenti tal-2011 dwar Sigurta` fl-Ajruport (Background Checks) il-Kumitat li kien jifforma parti minnu kellu diskrezzjoni jekk johrogx l-*OMAS Pass* jew le, pero wara l-introduzzjoni tal-ligi kien hemm elenkati reati li jekk imwettqa ma setghax johrog l-*OMAS Pass* favur l-individwu li jkun wettaq l-istess reati.

**<u>L-intimat Mario Bugeja</u>**, spjega li mill-2002 kienet darba biss li rcieva applikazzjoni tar-rikorrent ghall-*OMAS Pass* u dan fit-3 ta' Mejju 2013. Xehed li hija l-Kumpanija li persuna tahdem maghha li tapplika ghall-*OMAS Pass* u mhux l-individwu personalment. Jghid li r-raguni ghala gie rifjutat l-*OMAS Pass* lir-rikorrent kienet minhabba l-incident relatat mal-bagalji u l-annimali ezotici. Mistoqsi fuq certu David Abela jghid li kien konxju li kien hemm xi *pass*i kontrih u li kien gie diskuss fil-kumitat u hu kien prezenti bhala Segretarju tal-istess Kumitat. Jghid li fir-rigward tar-rikorrent, ghalkemm kien hemm talba waqt kumitat mill-membru tal-Airmalta fejn gie diskuss il-kaz tar-rikorrent fi Frar 2009 u fit-28 ta' Settembru 2009, pero` kien biss f'Mejju 2013 li rcieva applikzzjoni biex jinhareg *pass* lir-rikorrent. Sussegwentement huwa baghat il-lista lill-Pulizija li da parti taghhom infurmawh li kien hemm oggezzjoni ghall-hrug ta' *pass* favur ir-rikorrent stante li r-reati mwettqa minnu jaqghu taht it-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 488 tal-2011 u ghalhekk huwa ghadda biex jinfurmah bir-rifjut permezz ta' ittra. Jispjega li l-hsieb tal-Airmalta meta giet diskussa l-posizzjoni tar-rikorrent fl-2009 kien biex l-Airmalta tara tapplikalux jew le ghall-*OMAS Pass* pero l-Airmalta fil-fatt ma kinitx applikat biex ir-rikorrent ikollu *OMAS Pass*.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, Mario Bugeja spjega illi f'Novembru 2002 ir-rikorrent kien gie sospiz mill-Airmalta u l-*OMAS Pass* kien gie ritornat. F'Novembru tal-2008 Alfons Cauchi, li kien membru tal-Kumitat, kien talab li ammont ta' nies li kienu sospizi jigu ezentati. Pero fl-20 ta' Frar 2009 il-Kumitat irrifjuta li johrog l-*OMAS Pass* lir-rikorrenti. Imbaghad fit-3 ta' Mejju 2010 l-Airmalta kienu bghatulu ittra *qua* Manager Airport Security fejn spjegaw li l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent kienu gew konkluzi u l-kaz kien tressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Airmalta li kien irrakomanda li r-rikorrent jista' jerga' jidhol ghax-xoghol ladarba jinhariglu l-*pass*.[10] Imbaghad fit-23 ta' Gunju 2010 iltaqa' s-sottokumitat fi hdan l-Airport Security Committee li rrakomanda li d-decizjoni li ttiehdet fl-20 ta' Jannar 2009 ghandha tibqa' u li l-Kumitat ghandu jinforma lill-Kumpanija illi qabel ma ssir

[10] Dok MB5 a fol. 100

talba biex il-kaz jerga' jigi ezaminat ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni ghaliex ir-rikorrent kien gie sospiz. Sussegwentement fid-29 ta' Settembru 2010 kienet intbaghtet ittra lill-Airmalta li l-*pass* kien gie rifjutat mill-kumitat. Fit-23 ta' Novembru 2010 ix-xhud *qua Manager Airport Security* kien ircieva ittra minghand il-konsulent legali tar-rikorrent biex jerga' jigi kkunsidrat li r-rikorrent jinghata lura l-*pass*.[11] Din l-ittra giet imwiegba permezz ta' ittra ohra tas-6 ta' Dicembru 2010 fejn il-konsulent legali tar-rikorrent kien gie infurmat li l-kumitat ma kien ircieva l-ebda oggezzjoni da parti tal-Airmalta ghar-rifjut tal-*Omas Pass* favur ir-rikorrent.[12] Sussegwentement fit-3 ta' Mejju 2013 saret applikazzjoni da parti tal-Airmalta sabiex jinhareg il-*Pass* favur ir-rikorrent.[13] Jghid ukoll illi f'Dicembru 2011 kienet gie pubblikat Avviz Legali li jirregola l-hrug tal-*OMAS Pass* u rrizultalhom li l-offizi mwettqa mir-rikorrenti kienu jaqghu taht it-Tieni Skeda tal-imsemmi Avviz Legali. Jghid li wara li dahal fis-sehh l-Avviz Legali 488 tal-2011 il-Kumitat ma baqghax jiffunzjona u d-decizjonijiet dwar l-*OMAS Pass* kien johodhom hu *qua* Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport. Huwa kkonferma li r-raguni tar-rifjut tal-*OMAS Pass* kienet is-sentenza fil-konfront tar-rikorrent datata 23 ta' April 2009. Huwa jghid li applika l-Avviz Legali ghall-applikazzjoni tar-rikorrent peress li l-applikazzjoni saret wara li gie fis-sehh l-imsemmi Avviz Legali.

**Paul Spiteri** xehed illi sa April 2011 huwa kien impjegat mal-Airmalta inkarigat mill-*health and safety* u kien jiehu hsieb ukoll il-*pass*i dixxiplinarji. Jghid li mill-memorja jiftakar illi kienu ttiehdu *pass*i dixxiplinarji fil-konfront ta' Vince Spiteri, Godfrey Ciangura u persuni ohra. Ir-rwol tieghu kien li jinforma lill-persuna koncernata x'kienet ic-*charge* fil-konfront taghha u jikkordina l-Bord ta' Dixxiplina, liema Bord kien jiddeciedi jekk il-persuna hux hati jew le tal-akkuza u jigi rakkomandat il-kastig. Pero` kienet il-Kumpanija Airmalta li kellha l-ahhar kelma. Fir-rigward ta' Spiteri u Ciangura kien gie deciz li dawn wehlu li wehlu, tilfu dak li tilfu fil-perjodu li kienu sospizi mix-xoghol taghhom u li kellhom jidhlu lura ghax-xoghol malli jkollhom l-*OMAS Pass*. Jispjega li Spiteri kien gie akkuzat b'serq u li Ciangura kellu akkuzi ta' pussess ta' kokaina. Jghid li

[11] Dok MB13 a fol. 115
[12] Dok MB14 a fol. 116
[13] Dok MB15 a fol. 117

dawn iz-zewg kazijiet sehhew cirka fis-sena 2004. Jghid li sussegwentement l-*OMAS Pass* hareg fir-rigward ta’ Spiteri pero mhux fir-rigward ta’ Ciangura.

Ix-xhud kompla jghid illi fil-25 ta’ April 2009 huwa hareg l-akkuza ta’ dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent u li eventwalment fis-26 ta’ April 2010 il-Kumpanija waslet ghal decizjoni simili bhal dawk ta’ Spiteri u Ciangura u cioe li r-rikorrent tilef li tilef fil-perjodu ta’ sospensjoni u li malli jkollu l-*OMAS Pass* f’idejh jista’ jerga’ lura ghax-xoghol. Jghid li bhaz-zewg persuni l-ohra, ir-rikorrenti ma xtaqx jappella mid-decizjoni u ittellghet l-applikazzjoni tieghu ghall-*OMAS Pass*. Jghid li fi ftit granet mid-decizjoni huwa mela l-formula ghall-*Pass* u mbaghad marret ghand Alfons Cauchi biex jiffirmaha. Minn hemm ‘il quddiem huwa spjega li ma jibqghax isegwi l-korrispondenza. Jistqarr illi seta’ ghamel minn wahda sa zewg applikazzjonijiet ghan-nom tar-rikorrent pero dawn dejjem gew rifjutati.

**Ir-rikorrent Joseph Bugeja** f’affidavitipprezentat minnu spjega illi huwa kien ilu jahdem mal-Kumpanija Airmalta ghal madwar hamsa u ghoxrin (25) sena bhala *driver-loader*. Jghid li fl-2002 kien gie akkuzat li importa jew kien b’xi mod involut fl-importazzjoni ta’ tjur u annimali projbiti f’Malta u fl-2009 kien gie kundannat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u multa ta’ elf u hames mitt Ewro(€1500). Tul id-dekors tal-kawza kriminali u sa Jannar 2014 huwa baqa’ sospiz mix-xoghol u jircievi nofs paga.

Huwa jispjega li wara li ntemmu l-proceduri kriminali inbdew proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu fejn Dr. Andrew Borg Cardona li kien qieghed jidher ghan-nom tal-Air Malta qal lill-avukat tieghu li dak li kien japplika ghal xi impjegati li wkoll kellhom akkuzi kriminali fil-konfront taghhom ma kienx japplika ghar-rikorrent. Huwa jispjega li dan il-kliem ma setghax jifhmu ghax il-kaz tieghu kien gara qabel ta’ dawn il-persuni.

Huwa jispjega li fl-2009 hu, certu Godfrey Ciangura u Vincent Spiteri kienu mghajjta fl-ufficju ta' Paul Spiteri fejn accettaw id-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u cioe li jergghu jidhlu lura ghax-xoghol bil-kundizzjoni li ma jitolbux il-paga taz-zmien li kienu sospizi. Jispjega illi sussegwentement lil Vincent Spiteri, li kien ikkundannat multa u sentenza sospiza bhalu fuq akkuza ta' xorb bla dazju, kien inhariglu l-*OMAS Pass* pero l-*Pass* tieghu kien gie rifjutat.

Jghid li nel frattemp huwa baqa' jircievi nofs paga u li fl-2013 rega' applika ghall-*OMAS Pass* ghax hass li qed jigi diskriminat. Huwa jsostni li l-Avviz Legali 488 tal-2011 ma kellux jigi applikat ghall-kaz tieghu. Jispjega illi kien hemm impjegat iehor li nstab hati fuq reat ta' kokaina bejn l-2006 u l-2007 u rega' gie integrat fix-xoghol u nhariglu l-*OMAS Pass* fi ftit gimghat mid-data tas-sentenza.

Jghid ukoll illi f'Jannar 2014 kien gie mgharraf permezz ta' ittra esebita a fol. 130 tal-process li l-impjieg tieghu kien gie terminat peress li minkejja diversi tentattivi, l-*OMAS Pass* ma kienx inhariglu. F'dan ir-rigward huwa intavola proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

**<u>L-intimat Mario Bugeja</u>**, in risposta ghall-affidavit tar-rikorrent, spjega li qabel ma gie fis-sehh l-Avviz Legali 488 tal-2011 dment li l-fedina penali ta' persuna li jintalab li jinhargilha l-*OMAS Pass* tkun nadifa u ma jkunx hemm oggezzjonijiet min-naha tal-Pulizija, kien jinhareg l-imsemmi *Pass*. Meta mbaghad il-fedina penali ma tkunx nadifa, allura l-kaz kien jigi riferut lill-Kumitat, liema Kumitat kien ikun kompost mill-Ministru tal-Intern bhala *Chairman*, is-Segretarju Permanenti tal-Intern, il-Brigadier tal-Forzi Armati, il-Kummissarju tal-Pulizija, id-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili, il-Kap tal-*Malta Security Services*, il-Kontrollur tad-Dwana, il-Kap tas-Sigurta` tal-Air Malta, il-Kap tas-Sigurta` tal-Malta International Airport plc u minnu bhala segretarju.

Kompla jispjega li permezz tal-introduzzjoni tal-Avviz Legali 488 tal-2011 gew stabbiliti liema huma dawk ir-reati li ghandhom jitqiesu bhala *objectionable offences* u cioe` li jekk applikant ikun instab hati ta' wahda minnhom il-*pass* ma jkunx jista' jinhareg. Spjega wkoll illi l-Avviz Legali jistipula wkoll illi wara li jghaddi certu zmien minn meta persuna tkun instabet hatja xorta wahda jkun jista' jinhareg il-*Pass*.

Jispjega illi fit-3 ta' Mejju 2013 l-ufficju tieghu kien ircieva applikazzjoni biex jinhareg l-*OMAS Pass* ghar-rikorrent pero kien hemm oggezzjoni da parti tal-Pulizija in vista tal-offiza li nstab hati taghha. Jispjega li r-rikorrent ma jistghax jitqies bhala eligibbli ghall-*OMAS Pass* sat-23 ta' April 2019.

In kontro-ezami, ix-xhud spjega illi mid-data li l-avviz legali in kwistjoni gie in vigore, kull applikazzjoni bdiet tigi processata ai termini tal-istess avviz. Jispega li huma ma hadu l-ebda parir legali qabel bdew japplikaw l-avviz legali de quo ghall-applikazzjonijiet li bdew jigu sottomessi.

**Andrea Seychell**, Deputat Kummissarju tal-Pulizija, spjega illi l-involviment tal-Pulizija fil-hrug tal-*OMAS Pass* jikkonsisti f'*background checks* u li fil-kaz in ezami dan sar u rrizulta li r-rikorrenti kien instab hati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 23 ta' April 2009. Ghaldaqstant intbatghet l-*Aviation Security Background Checks Form*[14] lill-intimat Mario Bugeja u b'hekk spicca l-involviment tal-Pulizija f'dan ir-rigward.

In kontro-ezami ix-xhud jghid li l-formola tal-*bacground check* issir mill-ufficju legali tal-Korp, f'liema formola l-ufficjal tal-Korp inkarigat jissenjala jekk id-delitti mwettqa mill-applikant ikunux jaqghu taht it-Tieni Skeda tal-Avviz Legali tal-2011.

[14] Esebita bhala DCS2 a fol. 184

Illi maghmul dan ir-riassunt tal-punti principali li dwarhom xehdu x-xhieda mressqin mill-partijiet, it-Tribunal se jezamina **l-ewwel eccezzjoni** tal-intimati peress li din hija wahda ta' natura preliminari.

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni l-intimati qeghdin isostnu illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizjoni jistharreg dak li qed jitlob ir-rikorrent stante li dan ma jinkwadrax ruhu fil-parametri tar-Regolament 10 tal-Avviz Legali 488 tal-2011 kif sussegwentement emendat. In fatti Regolament 10 jghid hekk :

*"L-applikant għandu d-dritt jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kontra d-deċiżjoni tal-Manager li tiċħad il-ħruġ ta' security pass, fi żmien għoxrin jum min-notifika taċ-ċaħda; appell kontra din id-deċiżjoni* ***għandu jkun limitat għal waħda jew għaż-żewġ raġunijiet***[15] *li ġejjin:*

*- illi r-reat inkwistjoni mhuwiex wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda; u, jew*

*- illi l-perjodu ta' rijabilitazzjoni provdut fir-regolament 8 kien iddekorra."*

Illi min-naha l-ohra l-aggravji principali tar-rikorrent huma tnejn u cioe:-

1. Illi huwa qatt ma seta' jigi penalizzat fuq reat li sehh qabel il-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 488 tal-2011 u ghaldaqstant ma seta' qatt jigi klassifikat bhala reat elenkat fit-Tieni Skeda;
2. Illi di piu` il-perjodu ta' rijabilitazzjoni ghall-istess reat qatt ma seta' jibda jiddekorri stante li l-istess reat sehh qabel ma dahal fis-sehh l-imsemmi Avviz Legali.

Illi biex jirribatti l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, ir-rikorrent isostni li f'dan il-kaz la jista' jkun hemm "reat" applikabbli u wisq anqas kwistjoni ta' zmien ta' rijabilitazzjoni u dan ghaliex ir-reat imwettaq mir-rikorrent u d-decizjoni tal-

[15] Enfasi tat-Tribunal

Qorti graw qabel l-introduzzjoni tal-imsemmi Avviz Legali u kwindi ma setghax jittiehed in konsiderazzjoni meta r-rikorrent applika ghall-*Pass*.

Illi fl-umli fehma ta' dan it-Tribunal iz-zewg aggravji fuq sintetizzati imorru lil hinn mill-iskop tar-Regolament 10 tal-Avviz Legali 488 tal-2011. Il-poter moghti bl-istess Regolament lil dan it-Tribunal huwa ferm limitat kif muri iktar 'il fuq. Ir-rikorrent bl-ebda mod m'hu qed isostni li r-reati li taghhom instab hati ma jiffigurawx fit-Tieni Skeda jew li l-perjodu ta' rijabilitazzjoni kien iddekorra. Dak li qed isostni r-rikorrent hu li l-intimat Mario Bugeja *qua* Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport qatt ma messu applika l-imsemmi Avviz Legali ghall-applikazzjoni tieghu, liema aggravju huwa ghal kollox distint mill-aggravji msemmija fir-Regolament 10 u certament imur oltre l-iskop tal-istess Regolament.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Daham Al Hamed vs Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni** deciza fis-26 ta' Gunju 2009 fejn dik il-Qorti kienet qieghdha titratta appell dwar Ordni ta' Tnehhija, liema ordni giet konfermata mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Dik il-Qorti qalet hekk:

*"B'introduzzjoni ghat-tieni pregudizzjali koncernanti l-inammissibilita` ta' l-appell, jibda biex jigi osservat illi fl-ordinament guridiku-processwali taghna hi in generali ammessa l-impunjattiva bil-mezz ta' l-appell ta' sentenzi pronuncjati minn qorti jew minn tribunali ta' l-ewwel istanza, jew ukoll minn bordijiet specjali. Jezistu pero` ligijiet fejn id-dritt ta' appell, jew hu wiehed ristrett, jew, addirittura, eskluz. Hekk, apparentement, jidher li s-sentenza de quo tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni, u li minnha gie introdott l-appell odjern, ma tirrientrax fil-kategorija ta' dawk is-sentenzi ghal liema hu koncess dritt ta' appell skond l-Att;*

*....*

*Affermat dan, gjaladarba d-determinazzjoni tal-mezz ta' l-appell ammissibbli kontra d-decizjoni tigi effettwata fuq il-bazi tal-kwalifika tar-rapport kontrovers kif deciz mill-Bord, ex-lege, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tokkupa ruhha mill-kontestazzjoni da parti ta' l-appellant tas-soluzzjoni formulata mill-Bord fuq il-kwestjoni. U dan, la mill-punto di vista ta' l-ilment tan-nuqqas ta' osservanza tan-normi processwali u lanqas mid-doljanzi l-ohra tieghu fil-mertu. Jekk in-nuqqas ta' previzjoni mil-ligi tad-dritt ta' appell fil-kaz ta' l-appellanti huwiex kostituzzjonalment illegittimu jew*

*le, mhux ghal din il-Qorti li tinvesti dan il-punt. Din il-Qorti trid b'dover tapplika l-ligi kif issibha statwita, anke jekk ma jistax jonqos li tirravviza li jezistu, anke fil-ligijiet taghna, mezzi ohra ta' impunjattiva tad-decizjonijiet tal-Bord ghal liema s-sokkombenti jista' jirrikorri jew jesperixxi. Jibqa' l-fatt li fil-kaz prezenti l-Qorti m'ghandhiex xelta ohra hlief li tilqa' l-pregudizzjali ta' l-inammissibilita` ta' l-appell."*

Illi ghalkemm naturalment il-mertu m'ghandu xejn x'jaqsam mal-mertu odjern, jibqa' l-fatt illi hemm similarita` fil-punt legali dwar l-ammissibilita` o meno ta' dan l-appell fit-termini ristretti li l-Avviz Legali de quo jippermetti. Illi la darba, kif gia inghad iktar 'il fuq, it-termini tal-appell huma ben definiti, kwalunkwe lanjanza li persuna jista' jkollha u li tohrog 'il barra mill-parametri tal-istess trid tigi indirizzata possibilment f'forum iehor u mhux quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ghandha tigi akkolta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u jiddikjara li l-istess m'ghandux kompetenza li jistharreg l-aggravji mressqa mir-rikorrent fir-rikors tieghu ipprezentat fil-31 ta' Mejju 2013.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------